# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2432

Każ Nru 3400/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Giovanna Schembri

u

Unpaused Company Limited

Data: 1 ta' Settembru, 2016

*dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

**Chairman: Franco Masini**

### 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie intavolat minn Giovanna Schembri fl-4 ta' Settembru, 2015 fejn allegat li fit-8 ta' Ġunju, 2015 kellha tirriżenja mill-kariga tagħha ta' *shop* manager mas-soċjetà Unpaused Company Limited meta l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha gew mibdulha radikalment tant li ħassitha li kellha tirriżenja bħala *constructive dismissal*. Is-Soċjetà Intimata tinnega dan u tgħid li kienet bidlet id-deċiżjoni tagħha fir-rigward tar-Rikorrenti iżda din xorta ippersistiet bir-riżenja tagħha. Inżammu ħames seduti.

A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba n-numru ta' seduti u d-differimenti li ntalbu ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif stipulat.

## 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrenti li kienet ilha taħdem mas-soċjetà intimata għal bosta snin f'daqqa waħda ġiet infurmata li kien hemm il-ħsieb li tingħata l-kariga ta' *After Sales Manager* bil-post ta' l-impieg jinbidel minn dak f'tas-Sliema għal ieħor Birkirkara. Dana kien ifisser bidla fir-rwol tagħha iżda mhux fid-dħul tagħha għad li sata' kien hemm xi tibdil minħabba livell ta' *commission*. Għall-ewwel jidher li r-Rikorrenti aċċettat iżda talbet il-kundizzjonijiet bil-miktub. Sussegwentement bagħtet tinforma lis-Soċjetà Intimata li qed tirrifjuta l-offerta ta' bdil tar-rwol tagħha. Fit-8 ta' Ġunju 2015 ir-Rikorrenti bagħtet ir-riżenja tagħha. Iktar tard l-Avukat tagħha informa lis-Soċjetà Intimata li r-Rikorrtenti kienet qed tirriżenja b'mod immedjat, mingħajr *notice* u tqis dana bħala *constructuve dismissal*. L-Avukati tas-Soċjetà Ntimata kkorespondew ma' l-Avukat tar-Rikorrenti u mill-ġdid offrewla li tibqa taħdem fejn kienet mingħajr bidla fir-rwol tagħha. Fit-13 ta' Lulju 2015 l-Avukati tas-Soċjetà Intimata reġgħu kitbu lill-Avukat tar-Rikorrenti fejn għat-tieni darba reġgħu offrew lir-Rikorrenti l-post li kellha u offrew anke iħallsu l-paga ta' dak il-perijodu li ma ħadmitx. Iżda r-Rikorrenti reġgħet ma aċċettatx,

## 3. Konsiderazzjonijiet

Quddiemu t-Tribunal għandu talba ta' persuna li qed tallega li ġie terminat l-impieg tagħha b'mod li jammonta għal *constructive dismissal*. Għad li l-liġi nostrana ma ssemmiex dan it-tip ta' temm ta' l-impieg kemm dan it-Tribunal kif ukoll Tribunali differentement presjeduti ikkunsidraw dan it-tip ta' liċenzjament u dana ġie konfermat mill-Qorti ta' l-Appell. Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jikkunsidra t-talba tar-Rikorrenti. Iżda t-Tribunal irid jikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. L-allegazzjoni ta' *constructive dismissal* trid tiġi magħarbla mit-Tribunal. Mhemmx dubju li kif propost li jsir unilateralment il-bdil tar-rwol tar-Rikorrenti kien iġib bidla fix-xogħol u bidla fil-kuntratt u jekk sfurzata r-Rikorrenti kien ikollha raġun tittermina l-impieg tagħha fuq bażi ta' *constructive dismissal*. Għad li jidher li inizjalment kien hemm aċċettazzjoni da parti tar-Rikorrenti tat-tibdil fil-kuntratt dan fil-fatt ma ġiex aċċettat wara li l-istess Rikorrenti eżaminat il-kundizzjonijiet bil-miktub li ġew preżentati. It-Tribunal jikkonsidra illi l-bdil tal-kundizzjonijiet ta' xogħol kif ukoll dak tal-istess rwol tar-Rikorrenti fis-Soċjetà Intimata kien ifisser tibdil sostanzjali unilaterali. It-tluq tagħha mill-impieg f'dawn iċ-ċirkostanzi fil-fehma ta' dan it-Tribunal jikkostitwixxi *constructive dismissal*. It-Tribunal ikkonsidra wkoll l-offerta eventwali tas-Soċjetà Intimata li treġġa lura l-affarijiet għal *status quo ante*. Irid jingħad li dan sar wara t-tmiem tal-impieg tar-Rikorrenti. Huwa paċifiku li t-Tribunal ma jieħux in'konsiderazzjoni dak li jiġri wara t-tmiem tal-impieg. Iżda t-Tribunal jinnota l-offerta tas-Soċjetà Intimata, partikolarment fejn kienet lesta wkoll tħallas lir-Rikorrenti għall-perijodu li ma kienitx ħadmet u b'hekk tassiguralha l-

*continuity of service.* Għad li kif ingħad mhux qed tiġi meħudha in konsiderazzjoni din l-offerta tista forsi tingħad li saret fil-kuntest ta' dik l-aħħar klawzola tal-kuntratt tax-xogħol li titkellem dwar diskussjoni amikevoli f'każ ta' nuqqas ta' ftehim. Iżda l-kuntratt, kif ġa intqal, kien ġie terminat bir-riżenja tar-Rikorrenti u għaldaqstant il-vinkolu kontrattwali kien ġa irrimedjabilment inħall.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi illi t-tluq tar-Rikorrenti Giovanna Schembri minn mas-Soċjetà Intimata Unpaused Company Limited kienet tammonta għal *constructive dismissal*.

**5. Kumpens**

It-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut lir-Rikorrenti Giovanna Schembri mis-Soċjetà Intimata Unpaused Limited fl-ammont ta' mitt euro (€100).

**6. Drittijiet**

A tenur tal Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet dovuti lil min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja